# INFORMAZZJONI GĦALL-PUBBLIKU

**Konformi mal-Avviż Legali 179 tal-2015:**
Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Perikli ta’ Inċidenti Kbar

enemalta

ElectroGas Malta LIMITED

D3发电有限公司
D3 Power Generation Ltd

## Lill-Ġirien Tagħna

Il-*power station* ta' Delimara hi kklassifikata bħala stabbiliment ta' livell ogħla taħt l-Avviż Legali 179 tal-2015, Regolamenti tal-2015 dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar (COMAH). L-operaturi tagħha (Enemalta plc u ElectroGas Malta), għamlu studji dwar is-sigurtà, kif mitlub minn dawn ir-regolamenti, u pproduċew rapporti dwar is-sigurtà tal-attivitajiet kollha tas-sit. Ir-rapporti individwali ta' kull operatur kienu studjati wkoll biex jiżguraw li fis-sit ikun hemm il-koordinazzjoni xierqa. L-operaturi implimentaw il-pjaniijiet interni ta' emerġenza biex ikunu lesti għal kull eventwalità mhux mistennija. Waqt it-tħejjija ta' dawn il-pjanijiet, l-operaturi eżaminaw l-effetti tan-nuqqasijiet li jistgħu jinqalgħu f'każi ta' emerġenza u ta' sigurtà.  Hemm fis-seħħ ukoll pjan estern ta' emerġenza, f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. In-notifiki kollha tal-COMAH, ir-Rapporti tas-Sigurtà, u l-Istudji tas-Sigurtà ġew sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta. L-operaturi u l-ħaddiema kollha tal-*power station* ta' Delimara huma kommessi li jkollhom struttura effettiva ta' sigurtà fis-sit u li jieħdu l-miżuri meħtieġa ta' kontroll.

L-emerġenzi li kkunsidrajna fl-Istudji dwar is-Sigurtà, u r-Rapport tas-Sigurtà, jinkludu tixrid ta' *fuel* u ta' nirien kbar fil-faċilitajiet tagħna. Bis-saħħa tal-miżuri u l-proċeduri tas-sigurtà li għandna fis-seħħ, u bl-użu ta' prattika industrijali tajba, nemmnu li dawn verament ma jistgħux iseħħu. Madankollu, jekk tinqala' emerġenza, irridu nkunu nistgħu navżawkom minn qabel u nkunu ċerti li tafu x'għandkom tagħmlu biex ma tkunux fil-periklu. Ma' dan il-fuljett qed nehmżu l-kartuna bl-istruzzjonijiet ta' emerġenza. Din hi l-istess waħda li bgħatna lir-residenti ta' madwar il-*Power Station* ta' Delimara ftit snin ilu.

## Il-Prodotti f'Delimara

Fis-sit ta' Delimara jasal u jinħażen *fuel* f'għamla likwida u gass naturali likwidu (LNG) għal numru ta' impjanti tal-enerġija li jiġġeneraw l-elettriku biex ilaħħqu mad-domanda tal-pajjiż. Il-prodotti li naħżnu huma żjut tqal (*heavy oils*), *diesel* u gass LNG.

Iż-żjut tqal u d-*diesel* jinħażnu f'tankijiet kbar fuq l-art li huma mdawrin b'ħitan apposta (magħrufa bħala *bunds*), iddisinjati biex joqgħod fihom il-kontenut kollu tat-tankijiet. Il-pajpijiet u l-pompi jittrasferixxu l-*fuel* minn dawn it-tankijiet għal fejn ikun meħtieġ.

Il-gass LNG jinħażen f'ħames tankijiet insulati tat-tip Moss fuq bastiment fil-baħar (*FSU - Floating Storage Unit*). Dan il-bastiment hu mgħammar bl-aktar teknoloġija avvanzata u għandu bwieq doppji (*double hull*) biex ikun imħares mill-inċidenti u t-tniġġis. Aktar tagħrif dwar il-gass LNG issibu f'dan il-ktejjeb.

## L-Impjant u l-Operazzjonijiet

Jeżistu *standards* internazzjonali għall-kostruzzjoni u l-operat tal-impjanti li jiġġeneraw l-elettriku li jaħdmu bil-*fuel* u għall-faċilitajiet għall-ħażna tal-LNG. Dawn it-tankijiet tal-ħażna huma magħmula skont il-kodiċi u l-istandards rikonoxxuti biex jiġi żgurat li jkunu b'saħħithom u siguri. It-tankijiet u l-apparat kollu kienu speċifikati u mibnija skont dawn l-istandards. Dawn jiġu spezzjonati regolarment.

L-impjant huwa mmexxi minn timijiet ta' operaturi mħarrġa u minn inġiniera li jkunu l-ħin kollu fis-sit. L-istaff tal-operati hu megħjun minn tim speċjalizzat fuq il-manutenzjoni u l-inġinerija.

## Struzzjonijiet ta' Emerġenza

L-istruzzjonijiet tal-emerġenza li tqassmu lill-pubbliku fis-snin li għaddew għadhom validi. Madankollu, għal referenza faċli, qed nehmżuhom mill-ġdid ma' dan il-fuljett. Dawn għandhom jgħinuk issir midħla mal-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu f'każ ta' emerġenza. Nirrakkomandaw li tpoġġuhom f'post fejn jidhru fid-dar tagħkom jew fil-post tax-xogħol.

## F'każ ta' Emerġenza

Jekk tiġu mgħarrfa jew tindunaw b'xi emerġenza, imxu mal-proċeduri speċifikati fl-istruzzjonijiet. Għandkom tiggwidaw ukoll lill-ġirien tagħkom biex huma wkoll jimxu mal-istess struzzjonijiet mingħajr ma' tqiegħdu ruħkom f'periklu. M'għandkomx tmorru viċin il-*power station*.

## Is-Sirena tal-Emerġenza

Hemm installata sirena speċjali tal-allarm biex twissik bi kwalunkwe emerġenza. Biex tagħraf l-allarm, għażilna ħoss partikolari li jinżel u jogħla fil-frekwenza kull 4 sekondi. Fis-sit, minn żmien għal ieħor, jintużaw ħsejjes oħra ta' allarm fl-operat tagħna. Dawn il-ħsejjes m'għandhomx ikunu ta' xkiel barra l-perimetru tal-*power station*. Iżda xi drabi tistgħu tisimgħu dawn il-ħsejjes meta jkunu qed isiru ċertu testijiet jew proċeduri tal-operat.

Il-ħoss tas-sirena tal-emerġenza se tidrah għax kull sena se nittestjawh għal 10 sekondi fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru. Se nfakkruk bit-test b'avviż fil-mezzi tax-xandir. Tista' tisma' l-ħoss tas-sirena wkoll billi tidħol fis-siti elettroniċi tal-operaturi. L-allarm jindaqq biss jekk ikun hemm xi periklu għan-nies 'il barra mis-sit.

Jekk darek tinsab qrib il-*power station*, jekk jogħġbok ara li l-membri kollha tad-dar ikunu jafu b'dawn l-arranġamenti. Jekk għandek negozju qrib l-impjant, serraħ rasek li l-impjegati u l-viżitaturi regolari tan-negozju tiegħek ikunu jafu wkoll.

Jekk trid aktar informazzjoni, tiddejjaqx tikkuntattjana:

**Enemalta plc: 8007 2224**
**Enemalta plc: www.enemalta.com.mt**
**ElectroGas Malta: www.electrogas.com.mt**



# IT-TERMINAL TAL-GASS LNG F'DELIMARA

## X'inhu l-LNG?

Il-gass LNG hu magħmul minn diversi gassijiet idrokarboniċi iżda, prinċipalment, hu magħmul mill-metanu (gass naturali). Din it-taħlita ta' gass tkun imkessħa sakemm tikkondensa f'għamla likwida. F'dan l-istat, l-LNG hu wieħed mill-aktar sorsi ta' enerġija bla periklu biex jiġi ttrasportat u maħżun.

## X'inhu t-terminal tal-gass LNG ta' Delimara?

It-Terminal tal-Gass ta' Delimara hu mfassal biex jirċievi l-gass LNG minn swieq barranin. It-Terminal jaħżen u jivvaporizza lura dan il-gass f'gass naturali. Il-gass jasal b'sistema ta' pajpijiet fis-sit eżistenti tal-istazzjon f'Delimara u jgħaddi għall-impjant il-ġdid ta' Delimara 4 ta' ElectroGas Malta u għall-impjant ta' Delimara 3 ta' D3 Power Generation Ltd. Il-faċilità hi mibnija biex jintlaħqu r-rekwiżiti stretti tad-disinn, il-kostruzzjoni, l-operat u l-manutenzjoni, u jinkludu sistemi estensivi ta' sigurtà u ta' ħarsien tas-saħħa li jidentifikaw u jnaqqsu kemm jista' jkun sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' periklu.

## Il-vapuri tal-gass LNG huma siguri?

Il-vapuri tal-gass LNG huma mfassla biex ikunu fost l-aktar vapuri siguri mibnija bl-aħħar teknoloġija ta' disinn u sigurtà. Il-bwieq tagħhom, li huma doppji, jipproteġu kontra l-ħruġ tal-gass u għandhom insulazzjoni tajba ħafna. It-tankers tal-LNG huma ddisinjati b'sistemi estensivi ta' sigurtà li jidentifikaw l-eżistenza tal-gass u li, f'dan il-każ, jattivaw b'mod awtomatiku s-sistemi li jwaqqfu n-nar.



## Id-Delimara LNG Terminal x'tagħmel bl-LNG?

Meta l-vapuri tal-LNG jaslu fit-terminal ta' Delimara, l-LNG jinħatt fit-tankijiet insulati fuq l-FSU. Dawn it-tankijiet huma ddisinjati b'tali mod li jżommu l-LNG f'forma likwida. Dawn għandhom insulazzjoni tajba ħafna u ta' prestazzjoni għolja. Għandhom ukoll ħitan speċjali tal-azzar fuq ġewwa u fuq barra. Id-Delimara LNG Terminal jivvaporizza l-LNG, li jkun f'forma likwida, lura f'gass naturali u mbagħad jitwassal permezz ta' *pipeline* għal użu bħala *fuel* fiż-żewġ impjanti tal-elettriku msemmija hawn fuq.

## Kemm huma siguri it-terminal ta' Delimara?

It-Terminal ta' Delimara kien iddisinjat b'ħafna karatteristiċi ta' sigurtà li jinkludu *detectors* tal-gass, *detectors* bl-infrared tan-nar u kameras. Barra minn hekk, isegwi miżuri stretti ta' sigurtà u joffri taħriġ ta' sigurtà lill-impjegati. L-istrutturi u l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tal-apparat, u s-sistemi tal-kontroll, kienu eżaminati bir-reqqa biex niżguraw integrità sħiħa fl-operat u niskansaw il-ħsarat fl-apparat. Il-gass LNG ma fihx sustanzi karċinoġeniċi jew tossiċi. Mhuwiex splussiv, u jekk jinxtered jevapora malajr. Studji li saru juru li l-fwar tal-LNG jogħla b'ritmu mgħaġġel u jintilef fl-atmosfera

## Il-gass LNG jista' jisplodi?

Il-gass LNG ma jistax jisplodi, bħall-prodotti idrokarburi l-oħra. Ikun hemm l-inkwiet b'dan il-gass jekk iseħħu dawn it-tliet kundizzjonijiet f'daqqa:

- Il-gass LNG jivvaporizza u jipproduċi l-gass naturali,
- Ikun hemm konċentrazzjoni, definita b'mod ristrett, ta' fwar ta' gass naturali fl-arja, speċifikament b'volum ta' bejn 5 fil-mija u 15 fil-mija,
- Ikun hemm sors ta' nar preżenti li tiltaqa' miegħu fl-ajru t-taħlita tal-gass naturali.

Il-fwar tal-gass naturali jista' jaqbad biss jekk ikun hemm dawn it-tliet kundizzjonijiet f'daqqa.

## Il-gass LNG jew il-fwar tal-gass naturali jista' joħroġ u jimxi lejn l-art jew lejn il-baħar?

Il-gass likwidu jassorbi s-sħana b'rata mgħaġġla meta jiltaqa' mal-arja jew ma' kwalunkwe wiċċ ieħor u jibda jevapora. Meta ssir din il-vaporizzazzjoni, il-gass li joħroġ minnha jkun eħfef mill-arja u għalhekk jogħla u la jimxi fil-baxx u lanqas jinġabar f'postijiet baxxi. L-istess kif jagħmel, ngħidu aħna, il-gass li nużaw id-dar.

## Il-gass LNG iniġġes l-art u l-ilma?

Dan il-gass ma jniġġisx is-sorsi naturali, bħall-art, l-ilma, l-ilma ġieri, l-għadajjar u r-ramliet. Peress li jevapora malajr, jinfirex għax hu eħfef mill-arja u ma jniġġisx. B'hekk ma jkunx hemm tniġġis mit-tixrid tiegħu.

## Tinduna jekk ikun hemm xi tixrid tal-gass LNG?

Il-karatteristiċi tad-disinn tal-faċilitajiet tal-LNG u t-tankers tal-LNG għandhom *detectors* apposta li jħarsu dejjem għal xi tixrid jew ħruġ. F'każ li jiġri hekk jibagħtu twissija, b'mod awtomatiku, lill-impjegati. Is-*sensors* tat-temperaturi baxxi jew għolja, id-detectors tal-gass, u l-moniteraġġ tal-fjammi jiżguraw li jekk ikun hemm xi ħaġa mhux tas-soltu tiġi identifikata minnufih. B'differenza mill-gass naturali tad-djar, il-gass LNG m'għandux riħa jew kulur. Meta joħroġ u jmiss mal-arja jibda jivvaporizza, jitħallat mal-umdità fl-arja, u jifforma sħaba bajda li tkun viżibbli.

ElectroGas Malta Limited
**Is-sit:** Delimara Power Station
**Kwartieri Ġenerali:** Blokk D, Ta' Monita Residence, Pjazza ma' Triq San Ġużepp
Marsaskala MSK 1050
Malta
**Indirizz elettroniku:** info@electrogas.com.mt

D3 Power Generation Limited
**Is-sit:** Delimara Power Station
**Kwartieri Ġenerali:** D3PG, Delimara Power Station Amministrazzjoni,
Triq il-Power Station
Marsaxlokk MXK 1220
Malta
**Indirizz elettroniku:** d3pg@sep-malta.com

Enemalta plc
**Is-sit:** Enemalta Power Station
**Kwartieri Ġenerali:** Il-Bini Amministrattiv, il-Moll tal-Knisja
il-Marsa MRS 1571
Malta
**Indirizz elettroniku:** info@enemalta.com.mt